MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 293/2002/2

**Raymond Borg**

**vs**

**Enemalta Corporation u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Ottubru, 2002, is-socjeta' Fogg Insurance Agencies Ltd, giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-13 ta' Marzu, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur huwa proprjetarju tal-fond *Rayde Garage, Hut 13, Luqa Industrial Estate, Luqa*, minnu utilizzat bhala *garage* ghal *panel beating* u *spray painting* ta' vettura.

Fit-28 ta' Mejju, 1998 ghal-habta tal-11.00pm, l-imsemmi *garage* ha n-nar u nirien hakmu l-imsemmi *garage* fit-totalita' tieghu u kkawza danni ingenti lill-attur u lit-terzi.

Id-danni sofferti mill-attur ammontaw b'kollox ghas-somma ta' sitt elef disa' mija u seba' u sittin lira (Lm6,967) kif jigi provat u dettaljat ahjar fil-kors ta' din il-kawza.

Kif sejjer jirrizulta mill-provi illi jingabru fil-kors ta' din il-kawza, il-kawza tan-nar illi hakem il-fond tal-esponent u ghalhekk il-kawza tad-danni fuq imsemmija sofferta mill-attur bhala konsegwenza tal-istess, kienet in-negligenza, imperizija u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti kura u attenzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta.

Interpellata ripetutament sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni hekk minnha kawzati, il-Korporazzjoni konvenuta baqghet inadempjenti.

Talab lill-Korporazzjoni konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

[i] tiddikjara lill-Korporazzjoni konvenuta responsabbli ghall-incident tat-28 ta' Mejju, 1998, fuq imsemmi, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.

[ii] tillikwida d-danni konsegwenzjali hekk sofferti mill-attur fl-imsemmija somma ta' Lm6,967, jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-istess Qorti.

[iii] tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attur, *in linea* ta' danni, l-imsemmija somma ta' Lm6,967 jew dik is-somma verjuri illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.

Bl-imghax legali mit-30 ta' Ottubru, 1998, *cioe'* d-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali tas-27 ta' Ottubru, 1998, jew data ohra stabilita appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficcjali tas-27 ta' Ottubru, 1998 u tad-19 ta' Mejju, 2000, dawk tal-ittri interpellatorja tat-18 ta' Dicembru, 1998, tad-29 ta' Marzu, 1999, tas-17 ta' Mejju,

1999, tad-9 ta' Awissu, 1999, u dawk tal-konsultazzjonijiet legali maghmula mill-attur *in konnessjoni* mal-imsemmija ittri bonarji u ufficcjali, ammontanti b'kollox ghas-somma ta' tletin lira (Lm30), kontra s-socjeta' konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta li *in forza* taghha eccepiet illi:

L-azzjoni attrici hija assolutament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, *stante* li l-eccipjenti bl-ebda mod ma hi responsabbli ghall-incident u konsegwenzjali danni kif allegati mill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Ottubru, 2002, li *in forza* taghha awtorizzat lis-socjeta' *Fogg Insurance Agencies Limited* tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur jahdem bhala *sprayer* u *panel-beater* minn *Hut 13*, gewwa *Luqa Industrial Estate*.  Dan hu x-xoghol regolari tieghu, u fil-granet tax-xoghol huwa personalment jiftah u jaghlaq il-*garage*.  Fit-28 ta' Mejju, 1998, huwa dahal ghax-xoghol b'mod normali, u filghaxija, meta ghalaq, halla fil-*garage* tlett karozzi li kien qed jahdem fuqhom. Kif jaghmel issoltu, l-attur iskonettja l-batteriji tat-tlett karozzi biex jevita kull periklu.  Xi sieghat wara li ghalaq il-*garage*, l-attur gie infurmat li l-imsemmi *garage* tieghu ha n-nar, u b'rizultat tan-nirien gew distrutti kwazi l-ghodda

kollha li kellu fil-*garage*, u saret hsara lit-tlett vettura li kien hemm fil-*garage*.

Mill-provi jirrizulta li l-vetturi li kien hemm fil-*garage* ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-hruq, anke ghalhiex ebda wahda minnhom ma kellha l-batterija kkomunikata. Irrizulta li s-sors tal-hruq kien f'livell gholi, u precisament minn *cable* tat-*three phase* li jidhol fil-hut tal-attur minn toqba fis-saqaf. Dan il-*cable* kellu *short* u beda nar fl-*insulation* tieghu stess. Dan is-*short circuit* ma kienx jinvolvi lic-*circuit breakers* peress li sehh f'punt li kien aktar 'il barra mill-*main switch* tal-*garage*, u b'hekk la dawn ic-*circuit breakers* u lanqas il-*fuse* tal-*main-switch* tal-*garage* ma setghu isalvaw il-post mill-incident. Dan hu rizultat tal-fatt li l-*main cable* tal-elettriku jibqa' diehel gol-*hut* tal-attur. Mill-arblu ta' barra sa gol-*hut*, il-*cable* huwa mdendel distanza ta' madwar 30 metru minghajr support. Dan, imbaghad, hu mitluq fuq is-saqaf tal-*hut* minghajr protezzjoni, u mdahhal gol-*hut* minn toqba fis-saqaf u minghajr *sleave*. Dan il-*cable three-phase* jaghti ghal *distribution box*, u minn hemm johorgu l-*cables* li jfornu l-elettriku fil-*hut* tal-attur, u fl-istabbilimenti ta' tlett konsumaturi ohra. Fi kliem iehor, mid-*distribution box* li l-attur kellu fil-*hut* tieghu, johorgu *cables* li jwasslu ghall-*mains* ta' hames konsumaturi, inkluz l-attur. L-attur kellu kontroll fuq il-*main* partikolari tieghu, *pero'*, ma setghax imiss u ma kellux kontroll fuq id-*distribution box* li kellu fil-*hut* tieghu u l-*cable* li jwassal ghal dik il-kaxxa. Id-*distribution* jew *service box* mhux suppost tkun gewwa fond, ghax suppost tkun fuq barra go *water tight pillar*, izda meta l-*huts* gew f'idejn l-awtoritajiet maltin minghand il-militar ingliz, sabu l-kaxxa gewwa l-*huts* u bdew ibieghu u/jew jallokaw il-*huts* lill-terzi minghajr ma hadu hsieb jirrangaw is-sistema tal-elettriku u jaghmlu xi forma ta' manutenzjoni fuq l-istess sistema.

Irrizulta li n-nar beda fil-parti tal-*main incoming cable* li kienet imdahhla gol-hajt. Infatti rrizulta li bejn il-parti ta' barra u l-parti ta' gewwa hemm aktar minn metru *cable* li gie disintegrat. Dan sehh peress li, tul iz-zmien, il-*cable* garrab hsarat bil-kuntatt kontinwu mal-gebel tas-saqaf, u bis-saqaf izomm l-ilma, il-*cable* inzamm fi stat ta'

*corrosion* accellerata sakemm ha in-nar b'rizultat tal-*electrical load* qawwi ta' matul il-jum u x-xita li ghamlet dak inhar. Il-*cable* kien fil-hajt bla *sleeve* u minghajr ventilazzjoni, b'mod li l-hsara fih kienet kontinwa sakemm spicca li ha n-nar.

Jirrizulta li l-Korporazzjoni konvenuta ma taghmilx *maintenance* regolari tal-*cables* taghha, izda tmur taghmel *inspections* meta jigri xi haga u jsirilha rapport. Fil-fatt, is-sistema tal-elettriku ghall-*huts in kwistjoni* qatt ma sar *maintenance* fuqha minn mindu dawk il-*huts* ghaddew f'idejn il-Gvern Malti, u l-*inspection* saret wara rapport tal-hruq li sar fil-*hut in kwistjoni*! Is-*service box* kienet issiggilata u accessibbli ghall-ufficcjali tal-Enemalta biss, u zgur ma mhux mistenni li l-okkupant tal-*hut* jiddokra hu *wires* tal-elettriku tat-*three phase*. Haga bhal din kienet tkun perikoluza hafna, u l-*maintenance* ghandu jsir biss minn ufficcjali mistharga u awtorizzati. Fil-fatt, ufficcjal tal-Korporazzjoni konvenuta ikkonferma li d-*distribution box* hija proprjetarja' tal-Korporazzjoni, u *"l-maintenance hija l-Enemalta li trid taghmlu"*. Bhala fatt, *pero'*, dan ma kienetx taghmlu. L-esperti teknici mahtura mill-Magistrat Inkwirenti, u li xehedu wkoll f'din il-kawza, ikkonfermaw li l-hruq kien rizultat ta' *short circuit* fil-*cable* tal-Korporazzjoni konvenuta, u dan peress li x-xoghol kien *"mhux professjonali"*, maz-zmien il-*cable* tmermer u qatt ma sarlu *maintenance*. Il-Qorti, ghalhekk, m'ghandhiex esitazzjoni tikkonkludi li r-responsabilita' tal-incident hi biss tal-Korporazzjoni Enemalta konvenuta.

Bhala danni, l-attur qed jitlob is-somma ta' Lm4,922.72 rappresentanti telf ta' xoghol, telf ta' ghodda u spejjez ohra, u s-somma ta' Lm2,150 rappresentanti l-valur tal-hsara fil-karozzi li kienu fil-*hut* tieghu, f'depositu f'idejh, u *kwindi* responsabbli ghall-kura taghhom. Dwar hsarat fil-karozzi, il-perit tekniku nominat fl-inkjesta, irrelata li d-danni kienu jammontaw ghall-Lm2,100, stima li hija vicina l-ispiza li ghamel l-attur biex sewwa l-istess karozzi. *Kwindi*, din il-*claim* hija ppruvata u accettata. *Oltre* dan iridu jizdiedu Lm10 ohra ghas-*survey* tal-vetturi u Lm35 ghall-kopja tal-process verbal tal-inkjesta.

Ghar-rigward tad-danni l-ohra mitluba, il-valur moghti jirrapprezenta il-prezz tal-oggett kif mixtri mill-attur; ma jidhirx li l-attur ha *in konsiderazzjoni* l-fattur ta' *wear and tear*. Veru li illum il-prezzijiet ta' hafna oggetti gholew, izda l-kumpens moghti ghandu jirrifletti l-valur tal-oggett fl-istat li jkun meta jkun distrutt, u mhux il-valur tal-oggett gdid (dan il-principju hu applikat ukoll f'kaz ta' vetturi li jkunu *total loss*, fejn il-kumpens jirrifletti l-*pre-accident value* tal-karozza, mhux il-prezz ta' karozza gdida – ara "Blackman vs Formosa", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1994). L-ispejjez l-ohra allegatament inkorsi ma gewx kollha sostnuti b'ircevuta (fil-fatt, l-attur esebixxa biss ricevuta jew ahjar *invoice* wahda), u l-kumpens ghat-telf ta' xoghol (gimghatejn) ukoll ma giex korroborat. *Kwindi*, l-Qorti jidhrilha li ghanda tipprovdi *arbitrio boni viri* l-kumpens reklamat, u qed tiffissa ammont ta' Lm2,000.

B'hekk, l-ammont totali dovut jammonta ghall-Lm2000+Lm2195, u *cioe'* Lm4195.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-Korporazzjoni Enemalta thallas lill-attur, *in linea* ta' danni, s-somma ta' Lm4,195 (erbat elef, mija u hamsa u disghin liri Maltin) bl-imghax legali mit-13 ta' Marzu, 2002, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwart (1/4) mill-attur u tlett-kwarti (3/4) mill-Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------